**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Lulju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 39/2021 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati b'digret tal-10 ta' Marzu 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C B nee C D E**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 522/2018)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet izzewġu nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26/01/2018) ħewwa Manila fil-Filippini liem żwieġ kien reġistrat Malta skont il-liġi (ara ċertifikat taz-zwieg anness bħala Dokument AF1).*

2. *Illi minn dan iz-zwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-konvenuta rrendiet l-ħajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, moħqrija u theddid u nġurji oħra fil-konfront tal-istess attur u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi minħabba f'dan iż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenuta;*

5. *Illi fil-fatt il-manipulazzjonijiet tal-konvenuta kienu li wasslu lill-esponenti sabiex jagħmel dawn il-proċeduri u dana peress li wara li ħadet mingħand l-intimat dak li riedet abbandunat id-dar matrimonjai u għosfrot mill-pajjiż;*

6. *Illi proprjeta mobbli jew immobbli bejniethom il-partijiet ma għandhomx;*

7. *Illi l-partijiet ma għandhom l-ebda attiv u lanqas attiv li jiggrava l-kommunjoni tal-akkwisti;*

8. *Illi kien għalhekk li l-esponenti kellu jibda dawn il-proċeduri;*

9. *Illi l-esponenti ġie debitament awtorizzat biex jipproċedi bl-istanti permezz ta' digriet mogħti minn din l-wisq Onorabbli Qorti (Dgret awtrizzazzjni anness u mmarkat Dokument JG3);*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jgħix separatament minn mal-konvenuta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand l-attur;*

3. *Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-artikolu 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur;*

4. *Ixxolji u tillikwida l-proprjeta komuni li hemm eżistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali fid-dawl li l-attriċi rikonvenjonata hija unikament ħatja għas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-attur u porzjon lill-konvenuta ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaċja fu l-istess att;*

5. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lil-konvenut rikonvenzjonat l-beni kollha dotali u/jew parafernali tiegħu li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġu lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attriċi rikonvezjonata tagħmel dan, tikkundannaha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonat dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

6. *Tiddikjara illi d-dar matrimonjali ossia l-fond li jġib in-numru disgħa u għoxrin (29) u l-isem F, Triq il-Prinjoli, Ħ'Attard hija proprjeta parafernali u tordna lill-mara sabiex tiżgombra minn ġewwa tali fond;*

7. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;*

8. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn l-partijiet fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

9. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigu registrati fir-Registru Pubbliku;*

*10. Tawtorizza lill-attur jirregistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-proċeduri kollha quddiem l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u tal-medjazzjoni preċedenti għal dan ir-rikors, kontra l-konvenuta li hi minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi huma mhumiex edotti mill-fatti;*

2. *Illi r-rikorrent ghandu jipprovdi l-ahhar indirizz maghruf jew mezzi ohra li bih l-esponenti jistghu jaghmlu kuntatt mal-assenti, inkluz profile li din jista' jkollha fuq Facebook;*

3. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ohra permessibbl skont il-ligi, speċjalment f'dawk il-kazijiet fejn hemm kuraturi deputati li mhumiex edotti mill-fati u jafu jsiru edotti mill-fatti aktar 'il quddiem fil-proceduri in kwistjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-Att taż-Żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 522 tas-sena 2018;[3]

Rat l-ittra tal-attur mibgħuta lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar il-5 ta' Novembru 2020, fejn *inter alia* talab sabiex jiġi awtorizzat sabiex ai termini tar-regolament 4(1) tal-Avviż Legali 397/2003 *"jipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' martu C B u tinnomina medjatur/medjatrici għal dan il-għan"*;[4]

---

[2] Fol. 32.
[3] Fol. 7.
[4] Fol. 9.

Rat ir-rikors tal-attur fl-atti tad-digriet bin-numru 1185/2020;[5]

Rat id-digriet tal-20 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-attur jipproċedi bil-kawża għas-separazzjoni personali;[6]

Rat id-digriet tal-10 ta' Marzu 2021, fejn ġew nominati l-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi għall-konvenuta assenti u dan għall-finijiet kollha tal-liġi;[7]

Rat l-affidavit tal-attur;[8]

Rat in-nota tal-attur datata 19 ta' Novembru 2021,[9] fejn iddikjara li *"huwa sal llum ma jafx fejn hi martu u facebook għandha skont ma jidher ilu mhux attiv mis-sena 2019"*, u eżebixxa dokument li juri l-aħħar attivita' tal-konvenuta fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook* li tirridali għat-12 ta' April 2019;[10]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci,[11] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2022 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, l-attur irtira t-tielet talba tiegħu, salv għall-aħħar parti tal-istess talba;[12]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[13]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[14]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[5] Fol. 11.
[6] Fol. 12.
[7] Fol. 28.
[8] Fol. 35.
[9] Fol. 43.
[10] Fol. 44.
[11] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, a fol. 39.
[12] Fol. 46.
[13] Fol. 48.
[14] Fol. 47.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob is-separazzjoni personali billi jiġi ddikjarat li li C B hija ħatja għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u magħdud ma' dan jitlob ukoll il-ħall taż-żwieġ tal-partijiet. Barra minn hekk, l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taz-zwieġ u tawtorizza lill-attur jgħix separatament mill-konvenuta;

2. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet;

3. Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li titlob u/jew li tipperċepixxi manteniment minn għand l-attur, kif ukoll li tilfet id-dritt li tiret lill-attur;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentament tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, filwaqt li tiddikjara li d-dar matrimonjali hija parafernali tal-attur u b'hekk tordna l-iżgombriment tal-konvenuta mid-dar matrimonjali;

5. Tillikwida u tassenja l-assi u l-krediti parafernali tal-attur;

6. Tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza odjerna li tikonċerna s-separazzjoni personali u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku.

## 2. Is-Separazzjoni Personali, il-Ħall taż-Żwieġ u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Veżżjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta*

Fl-affidavit tiegħu,[15] l-attur jispjega illi żżewweġ lil C B nhar is-26 ta' Jannar 2018 ġewwa Manila l-Filippini. Wara li żżewġu, huwa kien għamel ħmistax-il (15) ġurnata ġewwa Manila flimkien ma' martu u kuġintha – liema perjodu kien qisu l-qamar il-għasel tal-partijet. Wara huma niżlu flimkien Malta għal ħabta ta' Frar 2018 u marru jgħixu fid-dar tal-attur, li fiha tgħix ukoll bintu F. Sakemm baqgħu jgħixu flimkien, il-konvenuta qatt ma middet idejha għax-xogħol tad-dar, iżda kienet tgħin lill-attur fil-gabbana li kellu l-Belt billi ssajjar ikel tradizzjonali tal-Filippini. Jingħad illi darba kienet talbet lill-attur biex tmur lura pajjiżha biex iġġib xi karti u hu kien aċċetta tant li ħallas kollox għal tali mawra. Wara sar jaf illi l-konvenuta marret lura l-Filippini biex iġġib xi nies ġewwa Malta u taqla' xi ħaġa tal-flus.

Meta ġiet lura, l-attur jgħid li l-konvenuta mal-ewwel bdiet tivvinta biex terġa ssiefer, iżda din id-darba riedet lill-attur imur magħha. Fil-fatt il-partijiet kienu marru flimkien lejn il-Filippini u ġabu lura magħhom lill-iben il-konvenuta, li beda jgħix magħhom fid-dar tal-attur għal perjodu ta' madwar tlett (3) jew erba' (4) xhur. Sa dan iż-żmien ir-relazzjoni tal-partijiet kienet għadha tajba, iżda l-affarijiet bdew jmorru ħażin hekk kif iben il-konvenuta beda jorqod magħhom fil-kamra tas-sodda tagħhom. Dak iż-żmien, l-attur jgħid li ma kienx hemm intimita' bejn il-partijiet għaliex ma kienx ikollhom ħin għalihom waħedhom, u fil-fehma tal-attur, il-konvenuta kienet bħal tagħmel minn kollox biex tevita' l-intimita' bejniethom. Wara perjodu ta' xhur, it-tifel ma riedx jibqa' jgħix Malta, u b'hekk il-partijiet marru lura l-Filippini bit-tifel, fejn dan dlonk mar ma' missieru.

Sakemm kienu l-Filippini meta telgħu lura bit-tifel tal-konvenuta, l-attur jgħid illi huma marru joqgħodu għand oħt il-konvenuta li kienet fqira. Iżda sakemm kienu hemmhekk, il-konvenuta kienet qalet lill-attur illi ser tiltaqa' ma oħtha l-oħra u li tiġi lura. Madanakollu l-attur jgħid li huwa għamel erba' (4) xhur jistenniha lura, iżda din qatt ma ġiet. Ma setgħax jaqbad ajruplan lura Malta minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Eventwalment, kien b'xi mod irnexxielu jaqbad ajruplan minn Manila għal Qatar, u konsegwentament għal Londra u Malta. Jistqarr li huwa kien abbandunat minn martu f'pajjiżha, fejn lanqas biss seta' jikkomunika. Minn dakinhar, il-konvenuta qatt ma rritornat lura Malta, u wisq anqas tista' tiġi stante li l-attur jgħid li rrappurtaha mal-Uffiċċjali tal-

[15] Fol. 35.

Imigrazzjoni. Magħdud ma' dan, l-attur jikkonferma li ma jafx fejn tinsab jew tirrisjedi.

Sabiex jissostanzja l-verżjoni tiegħu, l-attur eżebixxa nota fejn iddikjara li *"huwa sal llum ma jafx fejn hi martu u facebook għandha skont ma jidher ilu mhux attiv mis-sena 2019"*,[16] u kif ukoll dokument li juri l-aħħar attivita' tal-konvenuta fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook* li tirridali għat-12 ta' April 2019.[17]

*Verżjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet tal-Attur*

Il-Qorti tirrileva li l-intimata assenti rappreżentata minn kuraturi deputati, ma resqet l-ebda provi. Fil-fatt l-istess kuraturi deputati ddikjaraw li ma għandhomx provi xi jresqu fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2022 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.[18]

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. Artikolu 35 et seq tal-Kodiċi Ċivili: Rigward is-Separazzjoni Personali:*

Il-liġi tistipula illi *"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59"*.[19] Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u ngurji gravi, u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

Iżda f'każ ta' separazzjoni, "*Ir-raġel u l-mara mifrudin, b'sentenza jew bil-kunsens ta' xulxin, jistgħu f'kull żmien jerġgħu jmorru flimkien, u b'hekk ineħħu l-effetti tal-firda, kollha jew biċċa minnhom, iżda dan bl aħsara tal-jeddijiet li t-terzi jkunu ġa akkwistaw"*.[20] Barra minn hekk il-liġi tkompli tispeċifika illi "Jekk

[16] Fol. 43.
[17] Fol. 44.
[18] Fol. 46.
[19] Artikolu 36 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[20] Artikolu 63 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ, tal-għajxien flimkien u tal-manteniment, iżda kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħata' att pubbliku.[21]

*b. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[22] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[23] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[24] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz",*

[21] Artikolu 64 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[22] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[23] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[24] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[25] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[26] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[27]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[28]

c. *<u>Artikolu 66A et tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:</u>*

Artikolu 66A subinċiż1 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi: *"Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza".* B'dana illi r-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati f'Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Madanakollu, *"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet*

[25]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[26]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[27]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[28]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

*kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni".*[29] Pero' f'tali sitwazzjoni, il-liġi teżiġi f'Artikolu 66G u 66H tal-Kodiċi Ċivili, illi l-avukati tal-partijiet jaqdu numru ta' dmirijiet.

Pero il-liġi, f'Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma'kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsaragħall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.*

*(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.*

*(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu".*

[29] Artikolu 66D subinċiż 3 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fi kwalumkwe każ, l-effetti tad-divorzju huma differenti minn dawk ta' separazzjoni, hekk kif *"meta l-qorti ċivili kompetenti tippronunzja d-divorzju bejn il-miżżewġin, huma jkollhom id-dritt li jerġgħu jiżżewġu"*.[30]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Il-Qorti wara li rat illi l-provi f'din il-kawża huma ferm skarsi, għaliex l-unika provi li ġew mresqa huma r-rikors ġuramentat tal-attur, l-affidavit tiegħu u n-nota li jiddikjara li ma jafx fejn tinsab il-konvenuta. Madanakollu u ġialadarba l-verżjoni tal-attur ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex ma temminx lill-istess attur u ċjoe' illi l-konvenuta kienet abbandunat lil żewġha ġewwa l-Filippini, tant li nelfrattemp faqqat il-pandemija tal-COVID-19 u kellu jibqa' f'pajjiż li ma huwiex midħla tiegħu u lanqas jaf il-lingwa tal-pajjiż. Għalhekk il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, b'tort unikament attribwit lill-konvenuta abbażi ta' moħqrija u nġurji gravi. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

<u>*Is-Separazzjoni Personali u/jew il-Ħall taż-Żwieġ tal-Partijiet:*</u>

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti tara illi fir-rikors promotur l-attrur ressaq żewġ talbiet partikolari, u ċjoe':

*"1. Tiddikjara u <u>tippronunzja s-separazzjoni personali</u> bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jgħix separatament minn mal-konvenuta;*

*-ommisis-*

*8. <u>Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ</u> li ġie ċċelebrat bejn l-partijiet fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018)".*

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara li tinsab rinfaċċjata b'talba għas-separazzjoni personali tal-partijiet kif ukoll għall-ħall taż-żwieġ tagħhom stess,

[30] Artikolu 66L tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

kontestwalment. Għalhekk *in primis,* il-Qorti trid tibda billi tara jekk tali żewġ talbiet jistgħux isiru u jiġu deċiżi kontemporanjament fl-istess sentenza.

Minn qari tal-liġi jidher ċar illi hemm distinzjoni netta bejn is-separazzjoni personali u l-ħall taż-żwieġ – dan anke' għaliex il-proċedura li għandha tiġi segwita u kif ukoll l-effetti konsegwenzjali huma differenti minn xulxin. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma huwiex possibbli illi l-persuna li tkun intavolat azzjoni għall-firda personali titlob ukoll b'mod simultaneju l-ħall taż-żwieġ, mingħajr ma tiġi ċeduta l-ewwel talba jew tal-inqas ikun hemm il-konverżjoni tal-istess. Il-liġi tagħmilha ċara illi r-rimedji li għandhom il-miżżewġin huma s-segwenti: (i) is-separazzjoni personali bonarja jew inkella permezz ta' sentenza tal-Qorti, (ii) is-separazzjoni personali kemm bonarja jew permezz ta' sentenza tal-Qorti, segwita minn divorzju, (iii) divorzju mingħajr ma qabel il-partijiet ikkunu sseparaw minn xulxin bonarjament jew b'sentenza tal-Qorti, u (iv) separazzjoni li tiġi konvertita f'divorzju. Għalhekk, fil-każ odjern, jekk xejn l-attur kellu jagħżel wieħed minn dawn ir-rimedji u jimxi ma' dak li tistipula l-liġi nostrana.

Fi kwalunkwe każ, u mill-atti ppreżentati, jidher ċar illi l-intiża tal-attur kienet dejjem illi jottjeni s-separazzjoni personali minn martu ġialadarba huwa ppreżenta ittra indirizzata lir-Reġistratur fejn speċifikament talab li jiġi awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali u dana abbażi tar-Regolament 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.20. Barra minn hekk, il-Liġi Sussidjarja 12.20 tagħmilha ċara f'Regolament 4 illi kieku persuna tkun trid tipproċedi b'kawża għall-ħall taż-żwieġ, hija għandha qabel xejn tippreżenta rikors u mhux ittra, fejn jindika l-vertenza u jitlob in-nomina ta' medjatur tal-familja. F'dan ir-rigward ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **AB vs CDB**, deċiża minn din il-Qorti iżda diversament preseduta nhar is-27 ta' April 2017 (Rikors Numru 11/2015 RGM). Għalhekk, huwa ampjament ċar illi kieku stess, it-talba tal-attur fir-rigward tad-divorzju hija xorta waħda monka stante li huwa ma segwiex il-proċedura kontemplata fil-liġi nostrana.

Fid-dawl tas-suespost u adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni tal-attur għall-firda personali hija ġustifikata abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, iżda min-naħa l-oħra t-talba għad-divorzju hija waħda permissibbli u fi kwalukwe każ monka. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li hemm lok għall-firda

personali tal-partijiet stante li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenuta ħatja ta' moħqrija u nġurji gravi fil-konfront ta' żewġha.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta:**

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48(1)(a) u (d) tal-Kodiċi Ċivili, li jirreferu għad-dekadenza tad-dritt ta' suċċessjoni u manteniment.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet minħabba moħqrija u nġurji gravi fil-konfront ta' żewġha. Il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, u l-komportament in ġenerali tal-konvenuta matul iż-żwieġ taghha mal-attur, hija ser tgħaddi sabiex tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba tal-attur billi tapplika s-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta, u ċjoe' illi bl-imġieba tagħha l-intimata ddekadiet mid-dritt tagħha li tipperċepixxi manteniment mill-attur u kif ukoll tiret l-istess attur.

**4. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar is-26 ta' Jannar 2018 ġewwa Manila l-Filippini, iżda ġimagħtejn wara l-partijiet ġew jirrisjedu ġewwa Malta. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 1316 subinċiż 2 tal-Kodiċi Ċivili, ir-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet kien il-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk id-data li fiha għandha titqies li ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet hija d-data li fiha l-partijiet ġew Malta – liema data ma hijiex magħrufa iżda hija data fi Frar 2018.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjonii tal-Istess*

Il-Qorti tara li skont il-konvenut, il-partijiet ma akkwistaw l-ebda mobbli jew immobbli matul iż-żwieġ, u b'hekk ma hemm xejn x'jiġi likwidat, diviż u assenjat. Tali verżjoni ma tinsabx kontradetta mill-konvenuta assenti. Barra minn hekk, il-konvenut jikkontendi illi d-dar matrimonjali hija parafernali iżda naqas milli jippreżenta prova tat-titolu tal-proprjeta'. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti ma hijiex f'pożizzjoni li tiddikjara illi tali proprjeta' tappartjeni lilu. Magħdud ma' dan, mill-atti ma jirriżultax li ssir referenza għal xi assi oħra parafernali li għandhom jiġu assenjati lill-attur.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenuta abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tawtorizza lill-attur sabiex jgħix separatament minn martu;

2. Tilqa' t-tieni u l-aħħar parti tat-tielet talba, u tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment minn għand l-attur, kif ukoll tilfet kull dritt ta' suċċessjoni fil-konfront tal-attur;

3. Tilqa' ir-raba' talba billi tittermina u tillikwida l-prorjeta' komuni bejn il-partijiet, iżda tastjeni milli tinnomina nutar u kuraturi għaliex ma hemmx il-lok illi jsir xi att pubbliku;

4. Tiċħad il-ħames talba rigward il-beni dotali u/jew parafernali tal-attur stante nuqqas ta' prova;

5. Tiċħad is-sitt talba rigward id-dar matrimonjali li hija dar parafernali tal-attur stante nuqqas ta' prova;

6. Tiċħad is-seba' talba rigward in-nomina ta' nutar u kuraturi għaliex ma hemmx il-lok illi jsir xi att pubbliku;

7. Tiċħad it-tmien talba rigward il-ħall taż-zwieġ stante li f'dan l-istadju tali talba ma hijiex permessibbli u fi kwalunkwe każ tali talba hija monka in vista li ma ġietx segwita l-liġi proċedurali nostrana;

8. Tilqa' id-disa' talba u ai termini tal-Artikolu 35 subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 522/2018 u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum;

9. Tiċħad l-għaxar talba.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta, b'dan li l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.